MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' April, 2008

Talba Numru. 275/2007

**Transfreight Limited**

**vs**

**Gennaro Rosario de Luca**

***It-Tribunal,***

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas ta' mitejn, disgha u disghin Ewro u sittin centezmu (€299.60) ekwivalenti ghal Lm128.62, rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi in konnessjoni ma` l-garr ta' **merċe** eżegwit da parti tas-socjeta' attrici fuq merkanzija tal-konvenut, kif jirrizulta mill-fattura datata 29 ta' Marzu, 2005 u kif mitlub minnu stess u liema spejjez jirrapprezentaw ukoll in-nol u spejjez u servizzi ohra relatati ma` l-istess garr ta' merkanzija illi minkejja bosta interpellazzjonijiet il-konvenut ghadu ma hallasx.

Bl-ispejjez tal-proceduri legali li qieghdin jittiehdu u li ser jittiehdu, inkluzi l-ispejjez ta' dan l-att u bl-imghax kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn issolleva l-preskrizzjoni ta` l-azzjoni b'sena '*ai termin'i* ta` l-artiklu 2147(d) u bla pregudizzju ghall-premess, illi kienet saret novazzjoni tal-kwistjoni bejn il-partijiet stante li l-konvenut sofra danni meta saret konsenja ta' oggetti bi ksur, biex kull parti tbati l-ispejjez taghha. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi permezz ta' nota l-konvenut eccepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni '*ai termini* 'ta` l-artiklu 544 (a) tal-Kap. 13 tal-Kodici tal-Kummerc.

Ra d-dokumenti ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta' Frank Borg u x-xhieda bl-affidavit ta' Gennaro de Luca.

IKKUNSIDRA

Illi din il-kawza fil-mertu titratta dwar rizarciment ghal servizz rez in konnessjoni ma garr ta' ghamara '*ex warehouse'* mill-Italja lejn Malta sad-dar tal-konvenut. F'eccezzjoni preliminari l-konvenut issolleva l-preskrizzjoni '*ai termini'* ta` l-artiklu 2147(d) minghajr ma gie indikat taht liema Kap u permezz ta' nota giet sollevata eccezzjoni preliminari ulterjuri '*ai termini'* ta` l-artiklu 544 (a) tal-Kodici tal-Kummerc fejn kull azzjoni ghal hlas ta' noll jaghlaq sena wara li jispicca l-vjagg.

Jidher illi l-konvenut ma baqax jinsisti fuq l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni izda insista fuq l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni '*ai termini'* ta` l-Artiklu 544 (a) tal-Kodici tal-Kummerc u '*di fatti'* giet trattata din l-eccezzjoni miz-zewg partijiet.

Illi preliminarjament it-Tribunal ha jinvestiga u jiddeciedi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut u cioe' dik a bazi ta` l-Artiklu 544 (a) tal-Kodici tal-Kummerc.

Dan l-Artiklu 544 (a) tal-Kap 13 jipprovdi hekk:

“L-azzjonijiet li gejjin jaqghu bi preskrizzjoni kif sejjer jinghad hawn taht:
(a) Kull azzjoni ghal hlas ta’ nol, sena wara li jispicca l-vjagg;”

Mill-provi migbura jirrizulta illi l-kawzali tat-talba huwa l-garr tal-merkanzija. Illi nharget fattura fid-29 ta’ Marzu, 2005, mis-socjeta’ attrici ghal servizzi rezi minnha in konnessjoni ma` garr ta’ **merċe** tal-konvenut, liema spejjez jirrapprezentaw in-nol u spejjez ohra relatati ma` l-istess garr ta’ merkanzija. Jidher illi l-garr ta’ merkanzija sar bil-bahar kif ukoll fuq l-art. Jirrizulta ghalhekk, illi l-kuntratt li sar bejn il-partijiet huwa kuntratt ta’ *‘combined transport’*. Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li kuntratt ta’ *‘combined transport’* mhuwiex ikkontemplat specifikatament la f’ligijiet specjali u l-anqas fil-Kodici tal-Kummerc *(Carmelo sive Charles Grima noe vs Joseph Petroni noe, deciza fil-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta’ Marzu, 1988).*

Dan il-garr beda minn mahzen fl-Italja sad-dar tal-konvenut u b’hekk inholoq vinklu guridiku iehor li ma jaqax taht l-Artiklu 544 (a) tal-Kap. 13 u ghalhekk m’hijiex applikabbli l-preskrizzjoni ta’ sena taht dak l-artiklu.

Ghaldaqstant, il-preskrizzjoni applikabbli ma tirrizultax mill-Kodici tal-Kummerc u m’huwiex il-kompitu tat-Tribunal li jesprimi dwar il-preskrizzjoni applikabbli.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi illi jirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ‘*ai termini’* ta` l-Artiklu 544 (a) tal-Kap. 13 issollevata b’nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

Spejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------